




Il-Kummissjoni
Ewropea



KITT TA' APPOĠĠ GĦALL-VIŻIBBILTÀ TAL-UE

Ktieb tal-marki għall-2021-2027 għall-awtoritajiet
maniġerjali u għall-benefiċjarji tal-proġetti

*Politika Reġjonali
u Urbana*

Il-manuskritt tlesta f'Ġunju 2022

Edizzjoni riveduta

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

© L-Unjoni Ewropea, 2023



Il-politika tal-Kummissjoni dwar l-użu mill-ġdid hija implimentata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39 – <https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj?locale=mt>).

Sakemm ma jkunx innotat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat skont il-liċenzja ta' Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess, dment li jingħata kreditu xieraq u tiġi indikata kwalunkwe bidla.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur. L-UE ma għandhiex id-drittijiet tal-awtur fir-rigward tal-elementi indikati fil-paġni 61 u 62 ta' din il-pubblikazzjoni.

PDF ISBN: 978-92-76-60161-6 | doi:10.2776/456729 | KN-04-22-270-MT-N



Werrej

Werrej

| | | |
|---|--|----|
| 1 | Introduzzjoni | 5 |
| 2 | Rekwiżiti legali | 8 |
| 3 | Emblema tal-UE u dikjarazzjoni dwar il-finanzjament | 15 |
| 4 | Elementi viżivi fiżiċi | 23 |
| | 4.1 Billboards u plakek | 25 |
| | 4.2 Unitajiet tal-wiri stampati jew elettroniċi | 36 |
| | 4.3 Stikers | 43 |
| 5 | Rekwiżiti ta' Interreg u NextGenerationEU | 45 |
| 6 | Elementi viżivi għall-komunikazzjoni online | 48 |
| | 6.1 Siti web | 49 |
| | 6.2 Media soċjali | 50 |
| 7 | Avvenimenti u oġġetti promozzjonali | 53 |
| 8 | Tipografija u ikonografija | 56 |



Introduzzjoni

Komunikazzjoni tal-appoġġ tal-UE permezz ta' identità viżiva kondiviża: sempliċi, ċara u koerenti

It-titjib tal-viżibbiltà tal-Politika ta' Koeżjoni sar prijorità ewlenija f'dawn l-aħħar snin. Kull sena, il-finanzjament tal-koeżjoni jappoġġa eluf ta' proġetti madwar l-Ewropa, li jinkorporaw l-aktar manifestazzjoni tanġibbli tal-UE fil-prattika. Il-komunikazzjoni effettiva ta' dawn l-interventi tgħin biex tagħti spinta lis-sensibilizzazzjoni ulterjuri dwar il-benefiċċji tal-UE għall-ħajja tan-nies.


Skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK), huwa meħtieġ li l-benefiċjarji tal-proġett jużaw l-emblema tal-UE fil-komunikazzjoni tagħhom biex jirrikonoxxu l-appoġġ li ngħataw permezz tal-programmi tal-UE u jikkontribwixxu għall-viżibbiltà tal-UE fil-prattika.


L-aktar rekwiżit tanġibbli dwar il-viżibbiltà u t-trasparenza huwa li jiġu installati billboards, plakek u posters fis-sit tal-proġett. Dawn l-elementi, li jipprovdu informazzjoni dwar kwalunkwe proġett partikolari, għandhom il-potenzjal li jilħqu lin-nies tal-lokal, lill-viżitaturi, lill-utenti mingħajr sforz ulterjuri. F'dan is-sens, din hija wkoll opportunità għall-benefiċjarji tal-proġett biex jikkondividu l-informazzjoni dwar il-kisbiet tagħhom.


1 Introduzzjoni

1 Introduzzjoni

Sabiex il-benefiċjarji jiġu appoġġati ħalli jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' viżibbiltà b'mod effiċjenti, inħolqu tliet għodod li jaħdmu flimkien mill-qrib:

 Fl-**Online Generator**, bi ftit passi sempliċi, il-benefiċjarji jistgħu joħolqu fajls pdf lesti għall-istampar għal billboards, plakek u posters speċifiċi għall-proġetti.

 Fid-**Download Centre**, il-benefiċjarji jistgħu jniżżlu l-emblema tal-UE bid-dikjarazzjonijiet dwar il-finanzjament differenti (iffinanzjati u kofinanzjati b'mod standard mill-Unjoni Ewropea, minn NextGenerationEU u minn Interreg), li għandhom jintużaw fi kwalunkwe materjal ta' komunikazzjoni, u stickers li jistgħu jiġu stampati

 Dan il-**ktieb tal-marki** jiggwida lill-benefiċjarji biex jagħmlu l-aħjar użu mir-rekwiżiti ta' viżibbiltà. Il-ktieb tal-marki jibni fuq ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) iżda jista' jintuża mill-benefiċjarji kollha tal-programmi tal-UE.

Billi jużaw dawn l-għodod, il-benefiċjarji tal-programmi tal-UE jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi ta' viżibbiltà stabbiliti fir-RDK. Id-disinn tal-komponenti ta' viżibbiltà differenti huwa sempliċi, sabiex dawn ikunu jistgħu jintużaw f'kontesti differenti. B'dan il-mod, dawn l-għodod jikkontribwixxu għall-viżibbiltà tal-appoġġ tal-UE għall-kisbiet lokali, għat-trasparenza, u jippermettu lill-benefiċjarji tal-proġetti jiffokaw fuq azzjonijiet ta' komunikazzjoni ulterjuri.



Rekwiżiti legali

2 Rekwiżiti legali

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 (ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, RDK) jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-attivitajiet ta' viżibbiltà, trasparenza u komunikazzjoni għall-Politika ta' Koeżjoni.

Ir-Regolament jirrikjedi li l-benefiċjarji, l-awtoritajiet maniġerjali u l-Istati Membri jirrikonoxxu l-appoġġ mill-Unjoni Ewropea fuq il-materjali ta' komunikazzjoni kollha. Element importanti f'dan ir-rigward huwa l-emblema tal-Unjoni flimkien mad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament, li għandhom jintwerew fuq il-prodotti stampati u diġitali kollha, fuq is-siti web, fuq il-media soċjali u fuq prodotti ta' komunikazzjoni oħra.

Artikolu 46 **Viżibbiltà**

Kull Stat Membru għandu jiżgura:

a | il-viżibbiltà tal-appoġġ fl-attivitajiet kollha relatati mal-operazzjonijiet appoġġati mill-Fondi b'attenzjoni partikolari għall-operazzjonijiet ta' importanza strateġika;

b | komunikazzjoni liċ-ċittadini tal-Unjoni dwar ir-rwol u l-kisbiet tal-Fondi permezz ta' portal ta' sit web uniku li jipprovdi aċċess għall-programmi kollha li jinvolvu lil dak l-Istat Membru.

Artikolu 47 **Emblema tal-Unjoni**

L-Istati Membri, l-awtoritajiet maniġerjali u l-benefiċjarji għandhom jużaw l-emblema tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Anness IX meta jwettqu attivitajiet ta' viżibbiltà, trasparenza u komunikazzjoni.

| 2021-2027 | 2014-2020 |
|--|--|
| <p>L-emblema għandha tintwera ħdejn id-dikjarazzjoni "Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea" jew "Ikkofinanzjat mill-Unjoni Ewropea" miktuba sħiħa.</p> <p>Ma trid tintuża l-ebda identità viżiva oħra jew logo ieħor biex jiġi enfasizzat l-appoġġ mill-UE.</p> | <p>L-emblema tal-UE għandha tkun akkumpanjata mill-isem "Unjoni Ewropea", u minn referenza għall-fond speċifiku.</p> |

 Artikolu 50 **Responsabbiltajiet tal-benefiċjarji**

1. Il-benefiċjarji u l-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji għandhom jirrikonoxxu l-appoġġ mill-Fondi, inklużi r-riżorsi użati mill-ġdid f'konformità mal-Artikolu 62, għall-operazzjoni billi:

a | jipprovdu fuq is-siti web uffiċjali tal-benefiċjarju, meta jkun jeżisti sit b'hal dan, u fuq is-siti tal-media soċjali, deskrizzjoni qasira tal-operazzjoni, proporzjonata mal-livell ta' appoġġ, inklużi l-għanijiet u r-riżultati tagħha, filwaqt li jenfasizzaw l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni;

b | jipprovdu dikjarazzjoni li tenfasizza l-appoġġ mill-Unjoni b'mod viżibbli fuq id-dokumenti u l-materjal ta' komunikazzjoni relatati mal-implimentazzjoni tal-operazzjoni, maħsuba għall-pubbliku jew għall-parteċipanti;

c | juru plakek jew billboards durabbli u viżibbli b'mod ċar għall-pubbliku, li jippreżentaw l-emblema tal-Unjoni f'konformità mal-karatteristiċi tekniċi stabbiliti fl-Anness IX, hekk kif tibda l-implimentazzjoni fiżika tal-operazzjonijiet li jinvolvu investiment fiżiku jew hekk kif jiġi installat it-tagħmir mixtri, fir-rigward ta' dan li ġej:

(i) operazzjonijiet appoġġati mill-FEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni li l-kost totali tagħhom jaqbeż il-EUR 500 000;

(ii) operazzjonijiet appoġġati mill-FSE+, mill-JTF, mill-FEMSA, mill-AMIF, mill-ISF jew mill-BMVI li l-kost totali tagħhom jaqbeż il-EUR 100 000;

d | għal operazzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-punt (c), li juru fil-pubbliku, f'post viżibbli b'mod ċar għall-pubbliku mill-inqas poster wieħed ta' daqs minimu ta' A3 jew unità tal-wiri elettronika ekwivalenti b'informazzjoni dwar l-operazzjoni li tenfasizza l-appoġġ mill-Fondi; meta l-benefiċjarju jkun persuna fiżika, il-benefiċjarju għandu jiżgura, sa fejn ikun possibbli, li jkun hemm disponibbli informazzjoni xierqa, li tenfasizza l-appoġġ mill-fondi, f'post viżibbli għall-pubbliku jew permezz ta' unità tal-wiri elettronika.

e | għal operazzjonijiet ta' importanza strateġika u operazzjonijiet li l-kost totali tagħhom jaqbeż EUR 10 000 000 li jorganizzaw avveniment jew attività ta' komunikazzjoni, kif xieraq, u li jinvolvu lill-Kummissjoni u l-awtorità ta' ġestjoni responsabbli b'mod f'waqtu.

2 Rekwiżiti legali

2 Rekwiżiti legali

Meta benefiċjarju tal-FSE+ ikun persuna fiżika jew għal operazzjonijiet appoġġati permezz tal-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 4(1)(m) tar-Regolament FSE+, ir-rekwiżit stabbilit fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu ma għandux japplika.

B'deroga mill-punti (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu, għal operazzjonijiet appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, id-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ jista' jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għall-wiri fil-pubbliku ta' informazzjoni dwar l-appoġġ mill-Fondi meta dan ikun iġġustifikat minn raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku f'konformità mal-Artikolu 69(5).

2. Għall-fondi ta' proġetti żgħar, il-benefiċjarju għandu jikkonforma mal-obbligi skont l-Artikolu 36(5) tar-Regolament Interreg.

Għall-istrumenti finanzjarji, il-benefiċjarju għandu jiżgura permezz tat-termini kuntrattwali li r-riċevituri finali jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (c) tal-paragrafu 1.

3. Meta l-benefiċjarju ma jikkonformax mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 47 jew il-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, u meta ma jkunux ġew stabbiliti azzjonijiet ta' rimedju, l-awtorità maniġerjali għandha tapplika miżuri, filwaqt li tqis il-prinċipju tal-proporzjonalità, billi tikkanċella sa 3 % tal-appoġġ mill-Fondi għall-operazzjoni kkonċernata.

| 2021-2027 | 2014-2020 |
|---|---|
| Billboard u/jew plakka waħda permessa għal diversi proġetti f'post wieħed. Sanzjonijiet sa 3 % għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi. | Il-benefiċjarju huwa responsabbli għall-installazzjoni ta' billboard u plakka konsekuttivament għal kull operazzjoni. |

2 Rekwiżiti legali



Anness IX **Komunikazzjoni u viżibbiltà**

1. Użu u karatteristiċi tekniċi tal-emblema tal-Unjoni

1.1. L-emblema għandha tidher b'mod prominenti fuq il-materjali ta' komunikazzjoni kollha bħal prodotti stampati jew diġitali, siti web u l-mod kif jidhru fuq il-mowbajl, relatati mal-implimentazzjoni ta' operazzjoni, użati għall-pubbliku jew għall-parteċipanti.

1.2. Id-dikjarazzjoni **“Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea”** jew **“Ikkofinanzjat mill-Unjoni Ewropea”** għandha tinkiteb sħiħa u titqiegħed f'dejn l-emblema.

1.3. It-tipa li għandha tintuża flimkien mal-emblema tista' tkun kwalunkwe waħda mit-tipi li ġejjin: Arial, Auto, Calibri, Garamond, Trebuchet, Tahoma, Verdana, Ubuntu. Varjazzjonijiet bis-sottolinja jew bit-tipa korsiva, jew effetti tat-tipa ma għandhomx jintużaw.

1.4. Il-pożizzjonament tat-test fir-rigward tal-emblema bl-ebda mod ma għandu jinterferixxi mal-emblema.

1.5. Id-daqs tat-tipa użat għandu jkun proporzjonat mad-daqs tal-emblema.

1.6. Il-kulur tat-tipa għandu jkun reflex blue, iswed jew abjad skont l-isfond.

1.7. L-emblema ma għandhiex tiġi mmodifikata jew magħquda ma' elementi grafiċi jew testi oħra. Jekk jintwerew logos oħrajn apparti l-emblema, l-emblema għandu jkollha mill-inqas l-istess daqs, imkejjel f'għoli jew wisa', daqs l-akbar wiegħed mil-logos l-oħrajn. Minbarra l-emblema, ma jridux jintużaw identitajiet viżivi jew logos oħrajn sabiex jintwera l-appoġġ mill-Unjoni.

1.8. Meta jkunu qed iseħħu diversi operazzjonijiet fl-istess post, appoġġati mill-istess strumenti ta' finanzjament jew minn oħrajn differenti, jew meta jingħata finanzjament ulterjuri għall-istess operazzjoni f'data aktar tard, għandha tintwera mill-inqas plakka waħda jew billboard wiegħed.

2 Rekwiżiti legali

1.9. Standards grafiċi għall-emblema u d-definizzjoni tal-kuluri standard:

A) DESKRIZZJONI SIMBOLIKA fuq sfond ta' sema blu, tnax-il stilla lewn id-deheb jiffurmaw ċirku li jirrappreżenta l-unjoni tal-popli tal-Ewropa. In-numru ta' stilel huwa fiss, u tnax huwa s-simbolu tal-perfezzjoni u l-unità.

B) DESKRIZZJONI ARALDIKA fuq sfond ta' ikħal ċar, ċirku bi tnax-il stilla lewn id-deheb, u l-ponot tagħhom ma jmissux.

C) DESKRIZZJONI ĠEOMETRIKA L-emblema għandha l-forma ta' bandiera rettangolari blu, li l-wisa' tagħha huwa darba u nofs daqs l-għoli. Tnax-il stilla tad-deheb li jinsabu f'distanza ndaqs minn xulxin jiffurmaw ċirku inviżibbli li ċ-ċentru tiegħu huwa l-punt ta' intersezzjoni tal-linji dijagonali tar-rettangolu. Ir-radju ta' ċirku huwa daqs terz tal-għoli tal-bandiera. Kull stilla għandha ħames ponot li jinsabu fuq iċ-ċirkonferenza ta' ċirku inviżibbli li r-radju tiegħu huwa daqs wieħed minn tmintax tal-għoli tal-bandiera. L-istilel kollha huma rashom 'il fuq, jigiġifieri b'ponta vertikali u żewġ ponot f'linja dritta f'angoli retti mal-arblu. Iċ-ċirku huwa rranġat sabiex l-istilel jidhru fil-pożizzjoni tas-siġhat fuq wiċċ ta' arloġġ. In-numru tagħhom ma jinbidilx.

D) IL-KULURI SKONT IR-REGOLAMENT L-emblema għandha dawn il-kuluri: PANTONE REFLEX BLUE għall-wiċċ tar-rettangolu; PANTONE YELLOW għall-istilel.

E) PROĊESS B'ERBA' KULURI Jekk jintuża l-proċess b'erba' kuluri, erga' oħloq iż-żewġ kuluri standard billi tuża l'erba' kuluri tal-proċess b'erba' kuluri. PANTONE YELLOW jinkiseb bl-użu ta' 100 % "Proċess Yellow". PANTONE REFLEX BLUE jinkiseb billi jitħalltu 100 % "Proċess Cyan" u 80 % "Proċess Magenta". INTERNET PANTONE REFLEX BLUE jikkorrispondi fil-kulur tal-paletta tal-web RGB: 0/51/153 (eżadeċimali: 003399) u PANTONE YELLOW jikkorrispondi fil-kulur tal-paletta tal-web RGB: 255/204/0 (eżadeċimali: FFCC00).

PROĊESS TA' RIPRODUZZJONI MONOKROMATIKA Permezz tal-iswed, dawwar ir-rettangolu b'linja sewda u stampa l-istilel bl-iswed fuq l-abjad. Permezz tal-blu (Reflex Blue), uża 100 % bl-istilel riprodotti bl-abjad negattiv. RIPRODUZZJONI FUQ SFOND IKKULURIT Jekk ma hemmx alternattiva għal sfond ikkulurit, poġġi bordura bajda madwar ir-rettangolu, il-wisa' tal-bordura jkun 1/25 tal-għoli tar-rettangolu. Il-prinċipji tal-użu tal-emblema tal-Unjoni minn partijiet terzi huma stipulati fil-Ftehim amministrattiv mal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-użu tal-emblema Ewropea minn partijiet terzi (ĠU C 271, 8.9.2012, p. 5.)

2 Rekwiżiti legali

2. Il-liċenzja fuq id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali msemmija fl-Artikolu 49(6) għandha tagħti lill-Unjoni minn tal-inqas id-drittijiet li ġejjin:

2.1. użu intern, jgħid li dritt li tirriproduċi, tikkopja u tagħmel disponibbli l-materjali ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà lill-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni, lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, u lill-impjegati tagħhom;

2.2. riproduzzjoni tal-materjali ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma, b'mod sħiħ jew parzjali;

2.3. komunikazzjoni lill-pubbliku tal-materjali ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà bl-użu ta' kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni u l-mezzi ta' komunikazzjoni kollha;

2.4. tqassim tal-materjali ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà (jew kopji tagħhom) lill-pubbliku fi kwalunkwe forma u f'kull forma;

2.5. żamma u arkivjar tal-materjali ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà;

2.6. subliċenzjar tad-drittijiet dwar il-materjali ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà lil partijiet terzi;



Emblema tal-UE u
dikjarazzjoni dwar
il-finanzjament

Assoċjazzjoni tal-emblema tal-UE mad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament

Fil-qalba tar-rikonoxximent tal-appoġġ mill-UE hemm l-emblema u d-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament tal-Unjoni, li l-Istati Membri, l-awtoritajiet maniġerjali u l-benefiċjarji għandhom jużaw meta jwettqu l-attivitajiet ta' viżibbiltà, trasparenza u komunikazzjoni tagħhom.

L-emblema tal-Unjoni tintuża dejjem flimkien mad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament rilevanti: "Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea" jew "Ikkofinanzjat mill-Unjoni Ewropea".

Dan il-kapitlu jiffoka fuq l-użu tal-emblema tal-UE u d-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament. Il-kapitli li ġejjin se jiffukaw fuq l-użu tal-emblema bħala parti minn materjali ta' komunikazzjoni differenti.

Il-Kummissjoni ħolqot elementi lesti biex jintużaw tal-emblema tal-UE u tad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament li jistgħu jintużaw fil-materjali ta' komunikazzjoni kollha. Dawn huma disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE u f'16-il lingwa addizzjonali, fil-kuluri kollha u kemm f'formati orizzontali, kif ukoll f'formati vertikali. Id-dikjarazzjonijiet dwar il-finanzjament lesti biex jintużaw jistgħu jitniżżlu mid-download centre: https://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/logos_downloadcenter

Il-paġni li jmiss se jiddeskrivu r-regoli bażiċi dwar il-ħolqien u l-użu u l-applikazzjoni tal-emblema tal-UE u d-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament. Tista' ssib aktar informazzjoni fil-ktejjeb "Operational guidelines for the use of the EU emblem in the context of the EU programmes": https://commission.europa.eu/system/files/2021-05/eu-emblem-rules_mt.pdf

3 Emblema tal-UE u dikjarazzjoni dwar il- finanzjament



**Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea**



**Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea**

3.1 Għażla orizzontali



Verżjoni pożittiva (CMYK jew proċess ta' impressjoni diġitali)



Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea



Ikkoffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

Verżjoni negattiva



Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea



Ikkoffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

Riproduzzjoni monokromatika (Proċess tal-istampar speċifiku fuq il-ħwejjeġ u l-merchandise jew bil-Pantone)
Jekk ikun disponibbli biss l-iswed.



Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea



Ikkoffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

Jekk ikun disponibbli biss kulur wieħed ta' Pantone (ir-reflex blue)



Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea



Ikkoffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

3 Emblema tal-UE u dikjarazzjoni dwar il- finanzjament

3.2 Għażla vertikali



Verżjoni pożittiva
(CMYK jew proċess ta' impressjoni diġitali)



Ikkoffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

Verżjoni negattiva



Riproduzzjoni monokromatika (Proċess tal-istampar speċifiku fuq il-ħwejjeġ u l-merchandise jew bil-Pantone)

Jekk ikun disponibbli biss l-iswed.



Jekk ikun disponibbli biss kulur wieħed ta' Pantone (ir-reflex blue)



Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea



Ikkoffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

3 Emblema tal-UE u dikjarazzjoni dwar il- finanzjament

3.3 Eżempji ta' użu

Kemm il-verżjoni vertikali, kif ukoll dik orizzontali jistgħu jintużaw fuq sfondi differenti. Il-kulur tal-emblema u d-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament jiġu deċiżi abbażi tal-isfond tal-istampar. Xi drabi jkun possibbli stampar monokromatiku biss, u f'dak il-każ il-benefiċjarji jistgħu jagħżlu bejn reflex blue u iswed għall-bordura. Fuq sfondi ċari, il-benefiċjarji jistgħu jagħżlu l-verżjoni pożittiva tal-logo (id-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament lewn blu), filwaqt li fi sfondi skuri, b'hal ritratti b'iswed u abjad, il-verżjoni negattiva (id-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament lewn abjad) hija l-għażla ideali.



Tintuża bordura bajda madwar il-verżjonijiet pożittivi u negattivi tal-emblema tal-UE, u din tenfasizzaha fil-pront u tipprovdi l-viżibbiltà meħtieġa. Il-bordura hija eżattament 1/25 tad-daqs tal-emblema tal-UE.

3 Emblema tal-UE u dikjarazzjoni dwar il- finanzjament

3.4 Żona ta' protezzjoni

Lż-żona ta' protezzjoni trid tibqa' ħielsa minn testi, logos, stampi jew kwalunkwe element viżiv ieħor li jikkompeta magħha u li jista' jikkomprometti l-leġġibbiltà tajba tagħha.



3 Emblema tal-UE u dikjarazzjoni dwar il-finanzjament

3.5 Daqs minimu

L-għoli minimu tal-emblema tal-UE jrid ikun ta' 1 cm.

Għal oġġetti speċifiċi, b'hal pinen, l-emblema tista' tiġi riprodotta f'daqs iżgħar.

Meta tintuża d-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament tal-UE f'daqs żgħir, nirrakkomandaw ħafna li tintuża l-verżjoni orizzontali.



3.6 X'ma għandekx tagħmel

3.6.1 Tagħżilx tipa għajr Arial, Auto, Calibri, Garamond, Tahoma, Trebuchet, Ubuntu jew Verdana.



3.6.2 Tuża l-ebda effett tat-tipa.



3.6.3 Iżżidx elementi grafiċi oħra.



3.6.4 Tagħmilx it-test akbar jew iżgħar b'mod sproporzjonat meta mqabbel mal-emblema tal-UE.



3.6.5 Tuża l-ebda kulur għajr reflex blue, abjad jew iswed.



3.6.6 Timmodifikax il-proporzjonijiet tat-test.



3.6.7 Tiktibx "UE". Din trid tinkiteb dejjem b'ħala "Ewropea"



3.6.8 Tiktibx kolli b'ittri kapitali.



3 Emblema tal-UE u dikjarazzjoni dwar il-finanzjament

3.6.9 Tissostitwixxix l-emblema tal-UE bil-logo tal-Kummissjoni Ewropea.



3.6.10 Tissostitwixxix l-emblema tal-UE bi kwalunkwe element grafiku ieħor.



3.6.11 Timmodifikax l-emblema tal-UE.



3.6.12 Iżżidx l-isem tal-programm mad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament.



3.6.13 Tiktibx l-isem tal-programm flimkien mal-emblema tal-UE.



3.6.14 Iżżidx element grafiku mal-isem tal-programm tal-UE.



3 Emblema tal-UE u dikjarazzjoni dwar il-finanzjament



Elementi viżivi
fizični

Element importanti fir-rigward tat-trasparenza u tal-komunikazzjoni tal-appoġġ mill-fondi huma l-plakek, il-billboards u l-posters jew l-unitajiet tal-wiri elettroniċi.

Dawn il-prodotti ta' komunikazzjoni fiżiċi għandhom ikunu ċari, faċli biex jinqraw u għandhom jitqiegħdu b'tali mod li l-pubbliku jarahom faċilment ħalli jissodisfaw l-iskop tagħhom: li jinfurmaw lill-pubbliku dwar azzjoni partikolari li tkun irċeviet appoġġ finanzjarju mill-UE.

Huwa m'ħeġġeġ li tuża disinji sempliċi u li tevita li tgħaffeġ l-informazzjoni fil-mod kif tiġi ppreżentata u li żżid wisq logos. Il-mudelli mfassla għall-ġeneratur online, ippreżentati fil-paġni li ġejjin, jinkludu informazzjoni rilevanti dwar il-proġett. L-informazzjoni pprovduta f'kull prodott tvarja f'it, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-użi differenti tagħhom.

Bil-ġeneraturi online, il-benefiċjarji jistgħu joħolqu billboards, plakek u posters lesti biex jiġu stampati billi sempliċement jimlew l-informazzjoni dwar il-proġett. Anke jekk tixtieq toħloq wieħed minn dawn l-elementi ta' komunikazzjoni mill-bidu nett, xorta tista' ssegwi s-suġġerimenti ppreżentati f'dan il-ktieb tal-marki.

4 Elementi viżivi fiżiċi

4 Elementi viżivi fiżiċi

4.1 Billboards u plakek

Meta għandek tuża l-billboards u l-plakek

L-operazzjonijiet li huma obbligati juru plakka jew billboard jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin (l-Artikolu 50(1)(c)):

- L-operazzjoni tinvolvi investiment fiżiku jew ix-xiri ta' tagħmir

U

- Il-kost totali tal-operazzjoni jaqbeż:

il-EUR 500 000 appoġġati mill-FEŻR jew mill-FK

il-EUR 100 000 appoġġati mill-FSE+, mill-JTF, mill-FEMSA, mill-AMIF, mill-ISF jew mill-BMVI li l-kost totali tagħhom jaqbeż il-EUR 100 000;

Jekk il-proġett ma jaqax taħt il-kategorija ta' hawn fuq, ara t-taqsima 4.2 Unitajiet tal-wiri stampati jew elettroniċi.

Il-billboards jew il-plakek għandhom jitqiegħdu fuq is-sit tal-operazzjoni, hekk kif tibda l-implimentazzjoni fiżika jew ix-xiri tat-tagħmir. Il-plakek u l-billboards għandhom ikunu magħmula minn materjal durabbli li jippermetti l-wiri fit-tul. Għall-kuntrarju ta' qabel, ir-RDK ma jagħmilx distinzjoni bejn billboard u plakka. Jekk benefiċjarju jtella' billboard u jkun jixtieq jibdlu għal plakka wara t-tlestija ta' kostruzzjoni, pereżempju, dan jista' jsir jekk il-plakka tiġi installata hekk kif jitneħħa l-billboard.


4.1.1 Mudelli għal billboard

Il-mudelli għal billboard użati fil-ġeneratur online jipprovdu informazzjoni ewlenija dwar il-proġett biex tiġi żgurata t-trasparenza.

Il-billboards jittellgħu meta l-operazzjoni tinvolvi investiment fiżiku jew ix-xiri ta' tagħmir u l-kost totali tal-operazzjoni jaqbeż il-limiti speċifiċi għall-fond imsemmija fil-paġna 10.

Il-billboards jitqiegħdu fidejn il-post fejn issir l-operazzjoni, sabiex il-pubbliku jkun jista' jarahom faċilment.

4 Elementi viżivi fiżiċi



4.1.1.1 Elementi

ELEMENTI EWLENIN:

1 Titlu

It-“titlu” għandu jkun l-isem tal-operazzjoni jew l-objettiv ewlieni tagħha. It-titlu għandu jkun qasir u sinifikattiv għall-pubbliku. Ipprova evita akronimi jew lingwaġġ tekniku li ma jistax jinftiehem mingħajr ma wieħed ikun familjari mal-proġett jew mal-qasam speċifiku.

2 Emblema tal-UE u dikjarazzjoni dwar il-finanzjament


F'dawn il-mudelli, l-emblema tal-UE għandha titqiegħed isfel fir-rokna fuq ix-xellug. Id-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament għandha dejjem tkun bil-lingwa tal-lokal. Il-benefiċjarji jistgħu jagħżlu waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet dwar il-finanzjament, “Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea” jew “Ikkofinanzjat mill-Unjoni Ewropea”.

ELEMENTI OĦRA:

3 Logo(s) tas-sħab:

Skont ir-RDK, jekk jintwerew logos oħra minbarra l-emblema tal-Unjoni, l-emblema tal-Unjoni għandha tkun mill-inqas daqs l-akbar wieħed mil-logos l-oħra.

Il-mudell użat fil-generator online jippermetti massimu ta' tliet logos addizzjonali. Dawn jistgħu, pereżempju, ikunu logos tal-Istat Membru jew tar-reġjun. L-ispazji addizzjonali għal-logos mhumiex obbligatori u huwa rakkomandat li jiddied biss dak meħtieġ.



4 Elementi viżivi fiżiċi

4 Elementi viżivi fiżiċi

4 *Deskrizzjoni tal-proġett*

Id-deskrizzjoni ma għandhiex taqbeż l-400 karattru. Huwa rakkomandat lingwaġġ sempliċi u ċar, u għalhekk għandu jiġi evitat l-użu ta' akronimi, lingwaġġ tekniku u/jew ripetizzjoni. Deskrizzjoni tajba tal-proġett tispjega l-objettiv(i) tal-proġett b'mod sinifikattiv u sempliċi għall-pubbliku.

5 *Kontribuzzjoni finanzjarja*

Din it-taqsimha hija magħmula minn żewġ oqsma ta' informazzjoni "Baġit totali" u "Finanzjament mill-UE". "Baġit totali" jirreferi għall-baġit globali tal-proġett, inkluż kemm il-finanzjament tal-UE, kif ukoll il-finanzjament pubbliku/privat. "Finanzjament mill-UE" jirreferi għall-ammont ta' appoġġ tal-UE mill-baġit totali.

6 *Durata*

"Durata" jindika kemm se jidur il-proġett. Dan jintwera bħala xahar/sena.

7 *Stampa*

Kwalità tal-immaġni

Ir-riżoluzzjoni fuq kompjuter titkejjel b'pixels kull pulzier (PPI), li tinqaleb direttament f'DPI. Immaġni diġitali ta' 300 PPI tiġi stampata fi 300 DPI. Immaġni tista' tidher li hija ta' kwalità tajba biżżejjed fuq kompjuter, iżda xorta tidher b'riżoluzzjoni baxxa meta tiġi stampata. Immaġni diġitali jista' jkollha għadd kbir ta' pixels, filwaqt li jkollha livell baxx ta' DPI, li jaffettwa l-kwalità tagħha meta tiġi stampata (72 DPI jitqies bħala baxx). Peress li ħafna drabi wieħed iħares lejhom mill-bogħod, jista' jkun li billboards akbar jaffordjaw ikollhom livell aktar baxx ta' DPI. Iżda l-għan għandu jkun li jintlaħaq il-livell ta' 300 DPI. Immaġni qatt ma għandha tkun inqas minn 100 DPI, irrispettivament minn kemm tkun kbira, jew minn kemm se jkun 'il bogħod il-billboard.

Daqs tal-immaġni skont il-format

3000 x 4000 mm - 5906 x 2661 px

2000 x 2000 mm - 1921 x 7874 px

Detentur tad-drittijiet tal-awtur

Tinsiex issemmi lid-detentur tad-drittijiet tal-awtur tal-istampa.

8 *Sit web*

Bir-referenza għal sit web tista' tipprova aktar informazzjoni dwar il-proġett. Il-ġeneratur online joħloq il-kodiċi QR awtomatikament mis-sit web. Kun ċert li l-informazzjoni fuq is-sit web tibqa' aġġornata fit-tul.

4.1.1.2 X'għandek tagħmel u x'ma għandekx tagħmel


Tqegħid ta' elementi

It-tqegħid tal-elementi kollha għandu jiġi rrispettat f'kull ħin. L-elementi kollha fil-mudell tkejlu bir-reqqa u tqiegħdu skont sistema ta' grilja.

Għandu jiġi żgurat li t-tqegħid tal-elementi tad-durata, tal-finanzjament u tal-baġit ma għandux jiġi ttrasferit u li kemm it-titlu, kif ukoll it-test għandhom jiġu allinjati u ġġustifikati fuq ix-xellug. L-istampa jeħtieġ li ma tiddawwarx, peress li għandha tiġi allinjata mal-linja l-blu ta' taħtha. Fl-aħħar nett, il-logos għandhom jiġu sseparati b'mod ċar u l-ebda logo ma għandu jkun akbar mill-emblema tal-UE u mid-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament.

4 Elementi viżivi fiżiċi

X'GĦANDEK TAGĦMEL




X'MA GĦANDEKX TAGĦMEL

Iddawwar l-elementi

Tibdel l-istil tat-tipa jew tibdel ittri kbar għal żgħar jew bil-kontra

Tibdel it-tqegħid tal-elementi


Tibdel l-ordni jew id-daqs tal-logos



4 Elementi viżivi fiżiċi

Tqegħid u daqs tal-billboards

Ir-RDK jiddikjara li l-plakka jew il-billboard għandu jitqiegħed f'post pubbliku. Huwa rakkomandat ħafna li l-proġetti jinstallaw billboard jew plakka durabbli, li tkun ta' daqs sinifikanti fuq l-infrastruttura jew il-konstruzzjoni, jew (jekk ma jkunx possibbli) f'post fil-qrib, li jkun faċilment viżibbli u aċċessibbli għall-pubbliku.





4.1.2 Mudelli tal-plakek

B'hal fil-mudelli tal-billboards, il-mudelli tal-plakek użati fil-ġeneratur online jipprovdu informazzjoni ewlenija dwar il-proġett biex tiġi żgurata t-trasparenza.

F'każ li l-operazzjoni tinvolvi investment fiżiku jew ix-xiri ta' tagħmir u l-kost totali tal-operazzjoni jaqbeż il-limiti speċifiċi għall-fond, imsemmija fil-paġna 10, trid tiġi installata plakka.

Il-plakek għandhom jitqiegħdu ħdejn il-post fejn issir l-operazzjoni, peress li għandhom ikunu faċilment viżibbli għall-pubbliku.

4 Elementi viżivi fiżiċi



4.1.2.1 Elementi

ELEMENTI EWLENIN:

1 Titlu


It-“titlu” għandu jkun l-isem tal-operazzjoni jew l-objettiv ewlieni tagħha. It-titlu għandu jkun qasir u sinifikattiv għall-pubbliku. Ipprova evita akronimi jew lingwaġġ tekniku li ma jistax jinftiehem mingħajr ma wieħed ikun familjari mal-proġett jew mal-qasam speċifiku.

2 Emblema tal-UE u dikjarazzjoni dwar il-finanzjament

F'dawn il-mudelli, l-emblema tal-UE għandha titqiegħed isfel fir-rokna fuq ix-xellug. Id-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament għandha dejjem tkun bil-lingwa tal-lokal.

Il-benefiċjarji jistgħu jagħżlu waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet dwar il-finanzjament, “l-finanzjat mill-Unjoni Ewropea” jew “l-ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea”.

4 Elementi viżivi fiżiċi



4 Elementi viżivi fiżiċi

ELEMENTI OĦRA:

3 Logo(s) tas-sħab:

Skont ir-RDK, jekk jintwerew logos oħra minbarra l-emblema tal-Unjoni, l-emblema tal-Unjoni għandha tkun mill-inqas daqs l-akbar wieħed mil-logos l-oħra.

Il-mudell użat fil-ġeneratur online jippermetti massimu ta' tliet logos addizzjonali. Dawn jistgħu, pereżempju, ikunu l-logos tal-Istat Membru jew tar-reġjun. L-oqsma addizzjonali għal-logos huma fakultattivi u huwa rrakkomandat li jiżdiedu biss dawk meħtieġa.

4 Deskrizzjoni tal-proġett

Id-deskrizzjoni ma għandhiex taqbeż l-400 karattru. Huwa rrakkomandat lingwaġġ sempliċi u ċar, u għalhekk għandu jiġi evitat l-użu ta' akronimi, lingwaġġ tekniku u/jew ripetizzjoni. Deskrizzjoni tajba tal-proġett tispjega l-objettiv(i) tal-proġetti b'mod sinifikattiv u sempliċi għall-pubbliku.

5 Sit web

Bir-referenza għas-sit web tista' tipprovdi aktar informazzjoni dwar il-proġett. Kun ċert li l-informazzjoni fuq is-sit web tibqa' aġġornata fit-tul.

6 Kodiċi QR

Il-kodiċi QR jiġi ġġenerat awtomatikament mill-ġeneratur online.

4.1.2.2 X'għandek tagħmel u x'ma għandekx tagħmel

Tqegħid ta' elementi


Tqiesu fatturi differenti għat-tqegħid ta' kull wieħed mill-elementi preżenti f'dan il-mudell. Għalhekk, l-ebda wieħed minnhom ma għandu jitqiegħed ħażin, jiddawwar jew jinqaleb.

It-test għandu jkun allinjat u ġġustifikat fuq ix-xellug u t-titlu għandu jinkiteb kollu b'ittri kapitali, kif muri fl-eżempju li ġej.


Fl-aħħar nett, l-ordni tal-logos għandha tiġi rrispettata f'kull ħin u l-logos tas-sħab ma għandhomx jidhru akbar mill-emblema tal-UE u mid-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament.

4 Elementi viżivi fiżiċi

X'GĦANDEK TAGĦMEL



X'MA GĦANDEKX TAGĦMEL



4 Elementi viżivi fiżiċi

Tqegħid u daqs tal-plakek

Ir-RDK jiddikjara li l-plakka għandha titqiegħed f'post pubbliku. Huwa rrakkomandat ħafna li l-proġetti jinstallaw plakka durabbli li tkun ta' daqs sinifikanti fuq l-infrastruttura jew il-kostruzzjoni, jew (jekk ma jkunx possibbli) f'post fil-qrib, li jkun viżibbli u aċċessibbli faċilment għall-pubbliku.

L-awtoritajiet maniġerjali jistgħu jgħinu lill-benefiċjarji jagħżlu l-aktar format xieraq billi jagħtuhom biżżejjed flessibbiltà f'termini ta' daqsijiet u materjali li għandhom jintużaw. Sfida komuni hija li jiġi ssodisfat l-obbligu ta' materjali ta' informazzjoni permanenti skont regoli ta' rikostruzzjoni storiċi stretti. Il-fatt li ma jkunx hemm restrizzjonijiet fuq il-materjali u li r-restrizzjoni fuq id-daqs tkun minima jgħin lill-benefiċjarji u jnaqqas il-bżonn li dawn ifittxu parir individwali.



4 Elementi viżivi fiżiċi

4.2 Unitajiet tal-wiri stampati jew elettroniċi

Skont l-Artikolu 50(1)(d), daww l-operazzjonijiet li ma jaqgħux taħt ir-rekwiżiti li jinstallaw billboard jew plakka, huma obbligati li juru fil-pubbliku mill-inqas poster wieħed jew unità tal-wiri elettronika ta' daqs minimu ta' A3 b'informazzjoni dwar l-operazzjoni li tenfasizza l-appoġġ mill-Fondi.

Il-mudelli offruti hawnhekk huma adattati għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi wkoll. Madankollu, l-unitajiet tal-wiri elettroniċi jippermettu l-użu ta' effetti differenti u saħansitra animazzjonijiet b'mod aktar kreattiv u divertenti minn poster stampat.

L-unitajiet tal-wiri stampati jew elettroniċi għandhom jiġu installati hekk kif jibda l-proġett.

4 Elementi viżivi fiżiċi

4.2.1 Mudelli tal-posters

Il-mudelli tal-posters għandhom l-istess għan bħall-posters tal-billboards u tal-plakek. Dawn jipprovdu informazzjoni ewlenija dwar il-proġett biex tiġi żgurata t-trasparenza. Fil-mudelli disponibbli fid-download centre, l-utent jista' jaġġusta l-informazzjoni pprovduta abbażi tal-proġett tiegħu.

Jeftieġ li l-posters jitqiegħdu b'mod li jkunu viżibbli bis-sħiħ għall-pubbliku.



© Tallinn University of Technology (TalTech)/Kristian Krauser (2018) Responsible for publication:
ec.europa.eu

Duration
01/2017 - 06/2019

Total budget
1 679 000 €

EU funding
1 595 000 €

FOSTERING HIGH-TECH MANUFACTURING IN ESTONIA

The Smart Industry Centre (SmartIC) supports the digital transformation of Estonian manufacturing. In the context of the project, Tallinn University of Technology and the University of Life Sciences in Tartu have joint forces to deliver practical results for the "Industry 4.0": New and more connected laboratories boost Estonia's global competitiveness, e.g. in the area of 3D printing

Kasrahastanוד
Euroopa Liit

TAL
TECH

4 Elementi viżivi fiżiċi

4.2.1.1 Elementi

ELEMENTI EWLENIN:





1 Titlu

It-“titlu” għandu jkun l-isem tal-operazzjoni jew l-objettiv ewlieni tagħha. It-titlu għandu jkun qasir u sinifikattiv għall-pubbliku. Ipprova evita akronimi jew lingwaġġ tekniku li ma jistax jinftiehem mingħajr ma wieċed ikun familjari mal-proġett jew mal-qasam speċifiku.

2 Emblema tal-UE u dikjarazzjoni dwar il-finanzjament

F’dawn il-mudelli, l-emblema tal-UE għandha titqiegħed isfel fir-rokna fuq ix-xellug. Id-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament għandha dejjem tkun bil-lingwa tal-lokal.

Il-benefiċjarji jistgħu jagħżlu waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet dwar il-finanzjament, “l-finanzjat mill-Unjoni Ewropea” jew “l-ikkofinanzjat mill-Unjoni Ewropea”.

| | |
|--|--|
|  | 7 |
| © Tallinn University of Technology (TaTech)/Kristian Krusser (2018) | Responsible for publication: 10 |
| 9  | ec.europa.eu 8 |
| 6 Duration 01/2017 - 06/2019 | FOSTERING HIGH-TECH MANUFACTURING IN ESTONIA 1 |
| 5 Total budget 1 679 000 € EU funding 1 595 000 € | The Smart Industry Centre (SmartIC) supports the digital transformation of Estonian manufacturing. In the context of the project, Tallinn University of Technology and the University of Life Sciences in Tartu have joint forces to deliver practical results for the “Industry 4.0”: New and more connected laboratories boost Estonia’s global competitiveness, e.g. in the area of 3D printing 4 |
| 2  Kaasrahasaanud Euroopa Liit | TAL TECH  3 |

4 Elementi viżivi fiżiċi

ELEMENTI OĦRA:

3 Logo(s) tas-sħab

Skont ir-RDK, jekk jintwerew logos oħra minbarra l-emblema tal-Unjoni, l-emblema tal-Unjoni għandha tkun mill-inqas daqs l-akbar wieħed mil-logos l-oħra.

Il-mudell użat fil-ġeneratur online jippermetti massimu ta' tliet logos addizzjonali. Dawn jistgħu, pereżempju, ikunu l-logos tal-Istat Membru jew tar-reġjun. L-oqsma addizzjonali għal-logos huma fakultattivi u huwa rrakkomandat li jiżiedu biss dawk meħtieġa.

4 Deskrizzjoni tal-proġett

Deskrizzjoni tajba tal-proġett tispjega l-oġettiv(i) tal-proġett b'mod sinifikattiv u sempliċi għall-pubbliku. Għalhekk, huwa rrakkomandat l-użu ta' lingwaġġ sempliċi u ċar li jevita lingwaġġ tekniku. Il-benefiċjarji jistgħu jenfasizzaw l-appoġġ mill-fondi fid-deskrizzjoni tal-proġett ukoll.

Fil-ġeneratur online, l-ammont massimu ta' karattri użati għad-deskrizzjoni tal-proġett huwa ta' 400, inklużi l-ispazji. Dan il-limitu huwa rrakkomandat li ma jinqabeż fl-ebda każ peress li dawk li jkunu jridu jsiru jafu iżjed jistgħu, pereżempju, ifittxu aktar informazzjoni fuq is-sit web tal-benefiċjarju.

5 Kontribuzzjoni finanzjarja

Din it-taqsimha hija magħmula minn żewġ oqsma ta' informazzjoni "Baġit totali" u "Finanzjament mill-UE". "Baġit totali" jirreferi għall-baġit globali tal-proġett, inkluż kemm il-finanzjament tal-UE, kif ukoll il-finanzjament pubbliku/privat. "Finanzjament mill-UE" jirreferi għall-ammont ta' appoġġ tal-UE mill-baġit totali.

6 Durata

"Durata" jindika kemm se jdum il-proġett. Dan jintwera bħala xahar/sena.

4 Elementi viżivi fiżiċi

7 Stampa

Kwalità tal-immaġni

Ir-riżoluzzjoni fuq kompjuter titkejjel b'pixels kull pulzier (PPI), li tinqaleb direttament f'DPI. Immaġni diġitali ta' 300 PPI tiġi stampata fi 300 DPI. Immaġni tista' tidher li hija ta' kwalità tajba biżżejjed fuq kompjuter, iżda xorta tidher b'riżoluzzjoni baxxa meta tiġi stampata. Immaġni diġitali jista' jkollha għadd kbir ta' pixels, filwaqt li jkollha livell baxx ta' DPI, li jaffettwa l-kwalità tagħha meta tiġi stampata (72 DPI jitqies wieħed baxx).

Peress li ħafna drabi wieħed iħares lejhom mill-bogħod, jista' jkun li billboards akbar jaffordjaw ikollhom livell aktar baxx ta' DPI. Iżda l-għan għandu jkun li jintlaħaq il-livell ta' 300 DPI. Immaġni qatt ma għandha tkun inqas minn 100 DPI, irrispettivament minn kemm tkun kbira, jew minn kemm se jkun 'il bogħod il-billboard.

Daqs tal-immaġni skont il-format

A3 - 3508 x 1624 px

A0 - 4967 x 2304 px

Detentur tad-drittijiet tal-awtur

Tinsiex issemmi lid-detentur tad-drittijiet tal-awtur tal-istampa.

8 Sit web

Bir-referenza għas-sit web tista' tipprovdi aktar informazzjoni dwar il-proġett. Kun ċert li l-informazzjoni fuq is-sit web tibqa' aġġornata fit-tul.

9 Kodiċi QR

Il-kodiċi QR jiġi ġġenerat awtomatikament mill-ġeneratur online.

10 Responsabbli għall-pubblikazzjoni

"Responsabbli għall-pubblikazzjoni" huwa kunċett preżenti fil-leġiżlazzjoni ta' xi Stati Membri. Dan jirreferi għall-entità li hija responsabbli għall-billboard jew għall-poster speċifiku (probabbilment il-benefiċjarju tal-proġett).

4.2.1.2 X'għandek tagħmel u x'ma għandekx tagħmel

Tqegħid ta' elementi

Il-mudelli tal-posters jużaw l-ispazju disponibbli bl-aktar mod effettiv possibbli. L-elementi kollha jitqiegħdu skont ġerarkija viżiva, li tagħmel il-kontenut aktar faċli għal għajnejn il-qarrej. Għalhekk għandu jiġi nnotat li l-ebda element ma għandu jitqiegħed xi mkien ieħor. Barra minn hekk, l-elementi ma għandhomx jiddawru, ma għandux jintwera r-rifless tagħhom jew jinqalbu ta' taħt fuq.


L-istampa ma għandhiex tiddawwar, filwaqt li għandha tiġi allinjata mal-linja blu ta' taħtha. Ma għandha tintuża l-ebda tipa oħra u ma għandu jintuża l-ebda kulur ieħor, għajr dawk preżenti. It-test għandu jkun allinjat u ġġustifikat fuq ix-xellug, u t-titlu għandu jinkiteb kollu b'ittri kapitali. Fl-aħħar nett, l-ebda logo ma għandu jkun akbar mill-emblema tal-UE, u mid-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament u l-logos għandhom ikunu separati b'mod ċar.

4 Elementi viżivi fiżiċi

X'GĦANDEK TAGĦMEL



X'MA GĦANDEKX TAGĦMEL



4 Elementi viżivi fiżiċi

Tqegħid u daqs tal-posters u tal-unitajiet tal-wiri elettroniċi

Ir-RDK jiddikjara li l-poster jew l-unità tal-wiri elettronika ta' daqs ekwivalenti (minimu ta' A3) għandha titqiegħed f'post viżibbli b'mod ċar għall-pubbliku. Dan ifisser pereżempju li jintwerew b'mod prominenti fid-daħla tal-post.

Peress li l-posters huma kosteffiċjenti biex jiġu prodotti, biex tiġi żgurata l-viżibbiltà, il-benefiċjarji jistgħu jikkunsidraw li jqiegħdu ftit minnhom fis-sit tal-proġett u speċjalment jekk il-proġetti jitwettqu f'postijiet differenti. Madankollu, l-intenzjoni mhijiex li jkun hemm produzzjoni eċċessiva. Hija wkoll meqjusa prattika tajba li l-posters jiġu aġġornati ladarba jispiċċaw. Din hija wkoll opportunità biex tiġi pprovduta informazzjoni aġġornata dwar il-proġett.



4.3 Stikers

L-istikers huma elementi fakultattivi biex tittejjeb il-viżibbiltà tal-appoġġ tal-UE. Peress li mhumiex rekwiżit regolatorju, l-istikers ma jistgħux jissostitwixxu l-billboards, il-plakek jew il-posters. Madankollu, l-użu intelliġenti tagħhom jista' jikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għall-isforzi ta' komunikazzjoni billi juru b'mod konkret oġġetti li ġew iffinanzjati mill-UE. Huma wkoll aktar flessibbli u jistgħu jitqiegħdu mingħajr problemi f'diversi postijiet.

Inħolqu stikers bil-lingwi kollha tal-UE għad-dikjarazzjoni dwar il-kofinanzjament. Il-kuluri tal-faxxa ta' taħt huma skont il-kuluri uffiċjali tal-objettivi tal-politika għall-2021-2027. Tista' ssibhom fil-paġna 59.

L-istikers huma disponibbli biex jitniżżlu mid-download centre. Meta tkun qed tistampahom, tinsieq tqis it-tqegħid tal-istiker biex tiddefinixxi l-aħjar kwalità u qawwa tal-istiker, kif ukoll in-naħa li teħel (quddiem jew wara).

4 Elementi viżivi fiżiċi



L-istikers huma elementi prattiċi u versatili biex tittejjeb il-viżibbiltà tal-proġetti. Filwaqt li l-billboards, il-plakek u sa ċertu punt anke l-posters, ta' spiss ikunu jinsabu f'post wieħed biss, l-istikers jistgħu jitqiegħdu fuq elementi differenti jew f'postijiet differenti li jkunu ġew appoġġati mill-proġett.

4 Elementi viżivi fiżiċi





Rekwiżiti ta'
Interreg u
NextGenerationEU

Interreg

Ir-Regolament għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Regolament (UE) 2021/1059) jirrikjedi li t-terminu “Interreg” fl-Artikolu 36 għandu jinkiteb ħdejn l-emblema tal-UE. Interact ħoloq dikjarazzjonijiet dwar il-finanzjament li jstgħu jintużaw mill-programmi u l-benefiċjarji ta' Interreg. Id-disinn juża l-marka ta' kelma li diġà hija stabbilita sew Interreg, filwaqt li jirrispetta ż-żona ta' protezzjoni tal-emblema tal-UE.

Id-dikjarazzjonijiet dwar il-finanzjament speċifiċi ta' Interreg huma disponibbli bil-kuluri kollha fuq is-[sit web ta' Interact](#).

5 Rekwiżiti ta' Interreg u NextGenerationEU

Interreg



Ikkoffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

ec.europa.eu

IKARES - SMART AND SUSTAINABLE LIGHTING

Ikares offers smart lighting solutions to 22 municipalities in Zeeland, Limburg and North Brabant: Sensors dim down the lights in public spaces if there is nobody around, but restore full brightness when the sensors detect movement. This can yield energy savings of up to 60% - benefiting the environment and municipal finances - without compromising public safety.

Interreg Co-funded by the European Union IGHTRONICS

NextGenerationEU

Skont ir-Regolament speċifiku għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Regolament (UE) 2021/241), huwa meħtieġ li l-benefiċjarji jżidu “NextGenerationEU” mad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament “Iffinanzjat(a)(i) mill-Unjoni Ewropea”.

Id-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament speċifika għal NextGenerationEU hija disponibbli bil-lingwi u bil-kuluri kollha fid-download centre. Barra minn hekk, il-ġeneratur online jinkludi l-għażla li jinħolqu billboards, plakek u posters bid-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament speċifika ta' NextGenerationEU għall-benefiċjarji tal-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

5 Rekwiżiti ta' Interreg u NextGenerationEU



Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea NextGenerationEU

ec.europa.eu

IKARES - SMART AND SUSTAINABLE LIGHTING

Ikares offers smart lighting solutions to 22 municipalities in Zeeland, Limburg and North Brabant: Sensors dim down the lights in public spaces if there is nobody around, but restore full brightness when the sensors detect movement. This can yield energy savings of up to 60% – benefiting the environment and municipal finances – without compromising public safety.

Funded by the European Union
NextGenerationEU

LIGHTRONICS



Elementi
viżivi għall-
komunikazzjoni
online

6 Elementi viżivi għall- komunikazzjoni online

Is-siti web u l-media soċjali x'aktarx li huma s-sorsi ta' informazzjoni ewlenin dwar il-proġett mill-benefiċjarji għall-udjenzi fil-mira speċifiċi, kif ukoll għall-hekk imsejjaħ "pubbliku ġenerali". Skont l-Artikolu 50(1)(a), huwa meħtieġ li l-benefiċjarji jipprovdu deskrizzjoni qasira tal-operazzjoni, li tkun proporzjonata mal-livell ta' appoġġ fuq is-siti web uffiċjali u l-media soċjali tal-benefiċjarju. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-għanijiet u r-riżultati tal-operazzjoni, u għandha tenfasizza l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni.

Il-prinċipji tal-viżibbiltà u l-użu tal-emblema tal-UE huma simili bejn il-pjattaformi. Biex jindikaw l-appoġġ mill-Unjoni, il-benefiċjarji huma mistiedna jużaw l-emblema tal-UE u d-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament rilevanti b'mod prominenti fuq siti web u immaġnijiet.

Ara suġġerimenti u ideat dwar kif tistruttura sit web u dwar kif tuża bl-aħjar mod il-media soċjali fil-ktejjeb "[Communicating Cohesion Policy](#)".

6.1 Siti web

Skont l-Anness IX, l-emblema tal-UE għandha tidher b'mod prominenti fis-siti web u fil-media soċjali.

Sabiex jiżguraw dan, il-benefiċjarji huma mħeġġa jqisu l-elementi differenti deskritti fl-Anness IX: id-daqs tal-emblema tal-UE b'rabta ma' logos oħra possibbli, filwaqt li jkun hemm biżżejjed spazju għall-emblema u għad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament.

Hija meqjusa bħala prattika tajba li jintwerew l-emblema tal-UE u r-referenza għall-fondi fil-parti tal-apparati diġitali li wieħed jista' jara minnha, mingħajr ma l-utent jintalab jiskrollja 'l isfel fil-paġna.

6 Elementi viżivi għall- komunikazzjoni online

6.2 Media soċjali

L-appoġġ tal-UE jista' jiġi enfasizzat b'ħafna modi differenti fuq il-media soċjali! L-elementi viżivi, inklużi l-vidjows, għandhom jiġu mmarkati bl-emblema tal-UE u d-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament, u l-informazzjoni dwar l-appoġġ tal-UE tista' tingħata wkoll b'ħala parti mid-deskrizzjoni tal-profil jew mill-posts individwali.

Ara fil-paġna 19 kif tintegra bl-aħjar mod l-emblema tal-UE u d-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament b'ħala parti mill-istampi.


6.2.1 Viżibbiltà b'ħala parti mill-profil tal-media soċjali

Fuq il-profil tal-media soċjali, l-emblema tal-UE u d-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament jistgħu jiġu applikati fuq il-profil jew fuq l-istampa tal-banner – dment li l-pjattaforma tal-media soċjali toffri l-għażla li jkun hemm banner.


L-għażla tal-banner tipprovdi aktar spazju biex jiġu integrati l-emblema u d-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament, u għalhekk tista' tiġi rakkomandata. Fiż-żewġ każijiet, il-benefiċjarju għandu jżid l-elementi tal-marka fuq l-istampi sabiex jibqgħu kompluti anke jekk il-pjattaforma taqta' mill-immaġni.

Tinsiex issemmi l-appoġġ tal-UE fid-deskrizzjoni tal-profil.

Eżempji




6 Elementi viżivi għall- komunikazzjoni online



6.2.2 Posts fuq il-media soċjali

Huwa rakkomandat li meta l-benefiċjarju jtellja' post dwar il-proġett fuq il-kanali tal-media soċjali tiegħu, il-post issemmi l-appoġġ mill-UE, billi juża viżwalment l-elementi tal-marka u/jew l-appoġġ jissemma fit-test. Il-benefiċjarju jista' jvarja dawn l-approċċi bejn posts individwali.


6 Elementi viżivi għall- komunikazzjoni online



format 1:1
(post fuq Instagram jew facebook)



format 1080 x 1920 (story fuq Instagram jew facebook)





Avvenimenti
u oġġetti
promozzjonali

7 Avvenimenti u oġġetti promozzjonali

Oġġetti promozzjonali

Is-sensibilizzazzjoni dwar il-programm jew il-proġett hija l-aktar raġuni komuni għax-xiri ta' oġġetti promozzjonali. Dawn jistgħu jingħataw b'xejn f'avvenimenti, f'konferenzi, f'esibizzjonijiet, jew f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni oħra. Barra minn hekk, dawn il-materjali ta' komunikazzjoni għandhom jintegraw l-emblema tal-UE u d-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament fuqhom.



L-oġġetti murija hawn fuq huma biss eżempju ta' kif jistgħu jidhru l-oġġetti promozzjonali u mhumiex offriti mill-Unjoni Ewropea.



7 Avvenimenti u oġġetti promozzjonali

X'għandek tikkunsidra:

Fil-produzzjoni ta' oġġetti pubbliċi u promozzjonali b'hal daww imsemmija hawn fuq, ta' min wieħed jieħu ftit ħin biex iqis l-impatt tagħhom fuq l-ambjent, fuq is-soċjetà u fuq l-ekonomija:

- ✓ Ippreferi oġġetti li huma meħtieġa u li għandhom valur ta' użu għoli.
- ✓ Ippreferi l-prodotti Ewropej u lokali u siti ta' produzzjoni li huma fil-qrib.
- ✓ Ippreferi materjali durabbli u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.
- ✓ Ippreferi oġġetti u disinni durabbli u li jistgħu jerġgħu jintużaw; evita użu ta' darba, pereżempju fil-banners evita d-dati u żomm ma' dak li huwa ġenerali.



Tipografija u ikonografija

8 Tipografija u ikonografija

8.1 Tipografija tal-Mudell

Trebuchet

Aa Bb Cc Dd Ee Ff Gg Hh Ii Jj Kk Ll Mm Nn Oo Pp Qq Rr Ss
Tt Uu Vv Ww Xx Yy Zz Àà Ââ Éé Èè Êê Ëë Îî Ĭî Ôô Ùù Ûû Çç

0 1 2 3 4 5 6 7 8 9

Trebuchet hija t-tipa ewlenija użata fil-mudelli kollha (il-billboards, il-plakek u l-posters). It-titli, is-sottotitli, l-intestaturi u t-test huma kollha miktuba bit-tipa Trebuchet.

Arial

Aa Bb Cc Dd Ee Ff Gg Hh Ii Jj Kk Ll Mm Nn Oo Pp Qq Rr Ss
Tt Uu Vv Ww Xx Yy Zz Àà Ââ Éé Èè Êê Ëë Îî Ĭî Ôô Ùù Ûû Çç


0 1 2 3 4 5 6 7 8 9

Madankollu, id-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament tinkiteb bit-tipa Arial, skont il-linji gwida.


8 Tipografija u ikonografija



R 63 G 129 B 195
C 76 M 43 Y 0 K 0
#3f81c3




R 0 G 0 B 0
C 0 M 0 Y 0 K 100
#000000



R 225 G 225 B 225
C 10 M 8 Y 8 K 0
#e1e1e1

8.2 Kuluri

Il-mudelli huma bbażati fuq tliet kuluri: blu, iswed u griż. Il-blu huwa l-kulur użat fil-linji, li jenfasizzaw l-istampa użata u l-kontenut tal-mudell b'mod ġenerali. L-informazzjoni speċifika dwar il-proġett, minbarra t-titlu, hija miktuba bl-iswed. Fl-aħħar nett, il-griż jintuża meta ma tizzied l-ebda stampa fil-mudell. Madankollu, ta' min wieħed jinnotta li ż-żieda ta' stampa fil-mudell hija rrakkomandata ħafna.



8.3 Ikoni ta' politika


Kull objettiv tal-Politika ta' Koeżjoni huwa assoċjat ma' ikona speċifika u kulur.

L-awtoritajiet maniġerjali huma mistiedna jużawhom meta jikkomunikaw objettiv ta' politika speċifiku.

Il-benefiċjarji jistgħu wkoll jużawhom fil-komunikazzjoni tagħhom biex jenfasizzaw l-objettiv li l-proġett tagħhom qed jikkontribwixxi għalih. Pereżempju, il-benefiċjarji jistgħu jagħżlu l-kulur korrispondenti għall-istikers li jużaw.

8 Tipografija u ikonografija

Ewropa Aktar Intelliġenti



Ewropa aktar ekoloġika u ħielsa mill-karbonju



Ewropa Konnessa



Ewropa Soċjali



Ewropa aktar qrib iċ-ċittadini



Meta l-awtoritajiet maniġerjali jkunu jridu jikkomunikaw objettiv ta' politika speċifiku relatat mal-programm Interreg, dawn jistgħu jużaw l-ikoni li ġejjin:

8 Tipografija u ikonografija

Ewropa Aktar Sikura



Governanza ta' kooperazzjoni aħjar



Kapitoli

Paġna ta' quddiem: Northwest multimodal transport hub jipprovdi żieda fil-kapaċità ferrovjarja u għandu bilanċ b'saħħtu fuq is-servizzi għaċ-ċikliżmu, għat-trasport pubbliku u għall-utenti attivi fl-ivvjaġġar fir-Reġjun, kif ukoll jinkoraġġixxi bidla mill-karozza għat-trasport pubbliku. © Northwest Multimodal Transport Hub tar-Renju Unit u tal-Irlanda

Paġna 3: L-irkupru u r-restawr tal-kumpless tal-mużew Santa Maria della Scala - Wieħed mill-ewwel sptarijiet fl-Ewropa li ġie żviluppat mill-ġdid f'mużew bl-appoġġ tal-finanzjament tal-UE. Siena, l-Italja. Ritratt fost ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tar-ritratti EUinmyregion 2020 © Comune di Siena

Paġna 5: Il-Proġett ta' Estensjoni tal-Metro ta' Sofija, l-Istazzjon tal-Ajruport ta' Sofija - Il-proġett għaqqad il-belt kapitali mal-ajruport bl-appoġġ tal-UE. Sofija, il-Bulgarija. Ritratt fost ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tar-ritratti EUinmyregion 2019. © Il-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Bulgarija. Fotografu Plamen Andreev.

Paġna 8: Viċinat Ġdid - Il-proġett jipprovdi informazzjoni dwar akkomodazzjoni affordabbli u disinn tal-ispazju fejn wieħed jgħix li huwa orjentat lejn il-ġid komuni, organizzat fuq bażi kooperattiva. Vorarlberg, l-Awstrija. Ritratt fost ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tar-ritratti EUinmyregion 2020. © Regionalentwicklung Vorarlberg eGen

Paġni 15 u 54: Torri ta' osservazzjoni innovattiv b'mogħdija naturali u edukattiva fil-quċċati tas-siġar - Kostruzzjoni ta' infrastruttura turistika u rikreattiva tul is-sena f'Krynica-Zdrój - Torri ta' osservazzjoni b'mogħdija naturali u edukattiva qalb il-quċċati tas-siġar ta' Beskid S decki mibni bl-appoġġ finanzjarju tal-UE. Krynica-Zdrój, il-Polonja. Ritratt fost ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tar-ritratti EUinmyregion 2020. Benefiċjarju: Słotwiny Arena Sp. z o. o. © Michał Skowronek

Paġna 23: LIFE ADAPTATE - Il-proġett għandu l-għan li jżid l-impenn tal-muniċipalitajiet Ewropej bl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' adattament lokali li jagħtu approċċ komprensiv għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Ritratt fost ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tar-ritratti EUinmyregion 2020. © Il-Muniċipalità ta' Mertola

Paġna 45: Sistema per chirurgia robótica - Iffinanzjata mill-ROP Sardenja, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Bis-saħħa tal-proġett, l-isptarijiet ta' Sardenja ġew mgħammra b'sistemi ta' kirurġija ġodda li jgħinu lit-tobba li jagħmlu l-operazzjonijiet jagħmluhom b'mod li jippermetti lill-pazjenti jirkupraw aktar malajr. Sardenja, l-Italja. Ritratt fost ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tar-ritratti EUinmyregion 2020. © Nicola Belillo

Paġna 48: Qualificar o espaço público entre o plano edificado e o plano de água da baía do Seixal - Il-proġett irriabilita l-ispazju pubbliku fix-xatt tax-xmara f'Seixal. Seixal, il-Portugall. Ritratt fost ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tar-ritratti EUinmyregion 2020. © Município do Seixal

Lista ta' stampi

Paġna 53: Ir-restawr ta' Convento de Santa Cruz do Buçaco - Dan il-bini ta' 392 sena, li jinsab fil-Foresta Nazzjonali ta' Buçaco, li kienet l-uniku deżert tal-Ordni Reliġjuż tal-Karmelitani Scalzi fil-Portugall, ġie rrestawrat matul il-proġett. Mealhada, il-Portugall. Ritratt fost ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tar-ritratti EUinmyregion 2020. © Il-Muniċipalit ta' Mealhada

Paġna 56: Integration of 3D metal printing - Il-proġett appoġġa t-tnedija tal-istampar 3D ta' partijiet tal-metall fil-kuntest tal-SMEs. Proġett fost ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-premijijiet REGIOSTARS 2021. Flanders, il-Belġju © Sirris

Mudelli

Paġni 26, 27, 29, 30, 52:

It-titjib tat-turiżmu tal-baħar fin-naħa ta' fuq tax-Xmara Tisza, l-Ungerija

© Creative Commons

Paġni 37, 38, 41, 42:

It-trawwim ta' manifattura ta' teknoloġija avvanzata fl-Estonja

© L-Universit tat-Teknoloġija ta' Tallinn (TalTech)/Kristian Kruuser (2018)

Paġna 54:

Torri ta' osservazzjoni innovattiv b'moġħdija naturali u edukattiva fil-quċċati tas-siġar – Kostruzzjoni ta' infrastruttura turistika u rikreattiva tul is-sena f'Krynica-Zdrój

© Michał Skowronek

L-illustrazzjonijiet inħolqu b'immagħnijiet maħżuna ta' Shutterstock.com.

Paġna 19: DenisBelitsky, James Teohart, Temo Sukhitashvili

Paġna 30: ArtOfPhotos, MeloDPhoto

Paġna 35: Popovphoto, macondo

Paġna 42: ImageFlow

Paġna 44: Maria Sbytova

Paġna 51: Sabina Berezina

Paġna 52: Inġus Kruklitis, findus27

Paġna 54: Dima Moroz

Paġna 55: Temo Sukhitashvili, Lalandrew

Fil-paġni 44 u 54 intużaw ukoll immagħnijiet maħżuni minn Graphic burger.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea